
Il-Knisja Katidrali ta' Għawdex, iddedikata lil Santa Marija Assunta

# Il-Madonna fil-leġġendi minn Għawdex

**Mejju hu x-xahar marbut mal-Madonna, u għalqdstant se nitkellmu dwar xi leġġendi interessanti mill-gżira ta' Għawdex marbutin ma' din l-Omm tagħna tas-Sema. Dan qed nagħmluh ma' Dun Anthony M. Saliba, saċerdot mill-parroċċa tal-Katidral li qed jaqdi l-ministeru pastorali tiegħu fi New York, fl-Istati Uniti. Dun Anthony għandu wkoll għal qalbu l-istorja u l-folklor ta' art twelidu, ta' Għawdex, u minn żmien għal żmien jagħtina kitbiet ta' natura storika marbuta b'mod partikulari mal-istorja tal-knisja f'Għawdex.**


Joe Chetcuti

**X'inhi d-differenza bejn 'ħrafa' u 'leġġenda' u għaliex il-leġġendi huma importanti fl-istudju tal-istorja tal-fidi Nisranija f'Għawdex?**

Tajjeb li niddistingwu bejn 'ħrafa' (bl-Ingliż *fictional tale*) u 'leġġenda' (bk-Ingliż: *legend*). Ser nikkwota lill-antropologu u espert tal-letteratura folkloristika Stith Thompson. Kif jikteb dan l-espert Amerikan fit-test tiegħu *The Folktale* (1977), "legends (…) are presumably based upon fact", waqt li t-terminu "fictional tales" għandu jiġi applikat għal "stories filled with incredible marvels". Hawn Thompson qiegħed jgħidilna li "leġġenda" hija storja bbazata, b'xi mod jew ieħor, fuq fatt li realment seħħ. Mela, filwaqt li "ħrafa" hija storja fantastika, mitoloġika, u ħafna drabi frott il-fantasija u l-immaġinazzjoni ta' xi awtur, il-"leġġenda", minkejja li jista' wkoll ikollha aspetti fastastiċi, dejjem tkun tinkludi "some sort of historical fact" għax is-sisien tagħha jkunu dejjem marbuta ma' xi avveniment jew post storiku u importanti. Għalhekk, iwissina Thompson, fl-istudju u l-kitba tal-istorja rridu nieħdu anke in konsiderazzjoni l-leġġendi u l-folklor marbut magħhom għax dawn għandhom il-valur tagħhom... u kultant valur kbir ukoll.

Biex nifmhu aħjar dak li qiegħed jgħid dan l-awtur, nagħti dan l-eżempju mill-istorja ta' Għawdex. Waħda mil-leġġendi Normanni Għawdxin tgħid li meta fl-1091 il-magħruf Konti Ruġġieru (c.1031 - 1101) kien f'Malta, hu ġie wkoll f'Għawdex u, kif kien hawn, waqqaf il-knisja ewlenija iddedikata lil Santa Marija fil-belt il-qadima, dik li illum hija l-knisja Katidrali. Sa hemm tasal il-leġġenda. Issa ġara li kien hemm xi awturi fiż-żminijiet tagħna li lil din il-leġġenda kienu jsejħulha "ħrafa" u warrbuha għalkollox. Żball kbir! Għaliex? Illum nafu li din il-leġġenda hija mibnija fuq sisien storiċi. Dan għaliex ir-riċerka storika li saret f'dawn l-aħħar snin uriet li iben il-Konti Ruġġieru msemmi fil-leġġenda, ir-Re Ruġġieru II (1095-1154), meta ġie Għawdex f'Lulju tal-1127, sab komunità ta' insara organizzata u għaddielhom il-moskea prinċipali li kien hemm fil-belt ta' Għawdex (magħrufa dak iż-żmien bħala "l-Imdina", illum iċ-Ċittadella) biex dawn jibdluha fi knisja nisranija. U hemm probabbiltà enormi li din il-knisja kienet dik ta' Santa Marija fil-belt il-qadima ta' Għawdex, jiġifieri l-Katidral. Mela dak li skont il-leġġenda sar mill-Konti Ruġġieru, ir-riċerka storika wrietna li, fir-realtà, kien sar minn ibnu! Dan hu eżempju ċarissimu ta' kemm kellu raġun Stith Thompson meta qal li f'kull leġġenda ssib dejjem "some sort of historical fact".

Illum ser nitkellmu dwar xi leġġendi marbuta ma' knejjes u niċeċ Marjani f'Għawdex. Xi awturi sejħu lil Għawdex bħala 'l-Gżira tal-Madonna'. Dan għaliex din il-gżira ċkejkna hija mfawra bi knejjes u niċeċ dedikati lilha... u dari dan kien iktar milli hu llum. Biżżejjed ngħidu li meta, fl-1575 Mons. Pietru Dusina għamel il-viżta appostolika f'Għawdex, sab b'kollox 46 knisja fuq il-gżira. Minn dawn, 16 kienu ddedikati lill-Madonna, b'sebgħa minnhom imsemmija għal Santa Marija.

In-numru ta' leġġendi Għawdxin marbutin mal-Madonna hu wieħed kbir. Nażżarda ngħid li m'hemmx roqgħa f'Għawdex li m'għandhiex xi leġġenda li huma kollha sbieħ, kollha qaddisa. Naturalment m'għandiex spazju biżżejjed biex insemmuhom kollha. Għalhekk se nsemmi biss xi wħud minn dawk li jien kont ġbart daqs 25 sena ilu minn fomm l-anzjani Għawdxin, fi żmien meta kont intella' programm ta' storja u folklor fuq stazzjon tar-radju lokali, flimkien mal-istoriku u l-espert tal-folklor Għawdxi, il-mibki Anton F. Attard.

**Tista' tagħti tagħrif dwar xi leġġendi marbuta mal-Knisja Katidrali?**

Il-Katidral ta' Għawdex hu ddedikat lil Santa Marija. L-antiki kienu jirrakkuntaw leġġenda ħelwa marbuta mal-bini ta' dil-knisja. Jingħad li mijiet kbar ta' snin ilu, l-Għawdxin deherilhom li l-knisja ewlenija tal-gżira tagħhom ma kinitx f'sitwazzjoni tajba u qatgħuha li jibnuha mill-ġdid. Imma ħasbu li jkun aħjar li ma jibnuhiex fuq l-għolja taċ-Ċittadella, fejn kienet ilha sa mill-qedem, imma fuq l-għolja l-oħra li hemm biswitha, dik Ta' Gelmus. Għalhekk bdew itellgħu l-ġebel u l-materjal kollu meħtieġ biex jagħtu bidu għall-bini malajr kemm jista' jkun. Imma ħaġa tal-għaġeb, matul il-lejl, il-ġebel imħejji għall-bini kien jisparixxi minn fuq Ta' Gelmus u, misterjożament, jerġa' jsib ruħu fuq l-għolja taċ-Ċittadella, fl-istess post fejn kien hemm il-knisja l-qadima. Din il-ħaġa rrepetiet ruħha iktar minn darba. Fl-aħħar l-Għawdxin iddeċidew li jagħmlu l-għassa bil-lejl biex jaraw verament x'kien qed jiġri. Għall-ħabta ta' nofsillejl, dawk li kienu għassa raw dawl qawwi nieżel mis-sema u Tfajla ta' ġmiel kbir dehret riesqa lejn il-ġebel li kien hemm lest għall-bini. Għas-sinjal tagħha, il-ġebel beda miexi wara din it-Tfajla mdawra bid-dija. L-Għawdxin, imbeżżgħa, segwew lil din it-Tfajla mill-bogħod. Kif waslet fuq l-għolja taċ-Ċittadella, il-ġebel waqaf hemm u t-Tfajla minnufih għabet. L-Għawdxin malajr intebħu li dik it-Tfajla ma kienet ħadd għajr il-Madonna nnifisha li riedet li l-knisja prinċipali ta' Għawdex terġa' tinbena fuq l-għolja taċ-Ċittadella, fejn dejjem kienet.

Fost leġġendi oħra li hemm marbuta mal-Katidral ta' Għawdex insibu oħra ħelwa. Darba l-Għawdxin riedu jagħmlu qanpiena ġdida biex iqegħduha fil-kampnar ta' din il-knisja u jdoqquha għall-festa ta' Santa Marija. Qabbdu lil wieħed tas-sengħa li malajr ġab

għal paġna 23

# L-imħabba li l-Għawdxin dejjem kellhom lejn il-Madonna

minn paġna 22

dak kollu li kien hemm bżonn u beda jdewweb il-bronż fl-inħasa biex jifforma l-qanpiena. Waqt li x-xogħol kien għaddej, tfaċċat Sinjura ta' ġmiel kbir bi kwantità ta' deheb f'ħoġorha. Din resqet lejn l-inħasa fejn kien qiegħed jiddewweb il-bronż, u xeħtet iddeheb li kellha f'ħoġorha ġo fiha. L-Għawdxin dritt fehmu li dik is-Sinjura kienet għal darb'oħra l-Madonna. U, jgħidulek l-Għawdxin, hu proprju għalhekk li dik il-qanpiena kienet iddoqq bi ħlewwa tal-għaġeb. Hawnhekk, hemm varjant interessanti ta' din il-leġġenda li kont smajt kemm fir-Rabat kif ukoll fl-Għarb. Skont dan il-varjant, ta' kull sena, fil-lejl ta' bejn l-14 u l-15 ta' Awwissu – il-lejl ta' Santa Marija, meta l-Għawdxin kienu jgħidulek: "L-infern jagħlaq!" – il-Madonna tinżel mill-ġenna mdawra bl-anġli u titfa' ħodon deheb fil-qanpiena żgħira tal-Katidral. Għalhekk, kienu jgħidulek ix-xjuħ tagħna, nhar Santa Marija dik il-qanpiena tinstema' b'leħen iktar ħlejju missoltu. M'hemmx dubju li kienet din il-leġġenda li ispirat it-taqbila folkloristika li kienet tant popolari fost l-Għawdxin tal-imgħoddi (jien niftakar lin-nanna tiegħi Karmena tgħidha):

Għax fil-jum tal-festa tagħha,
Il-Madonna kollha ħniena,
U mill-mant tferra bil-ħlewwa
Ħodon deheb ġewwa l-qanpiena!

**Leġġendi ħelwin u li jixhdu l-fidi sempliċi imma qaddisa li kellhom missirijietna...**

Eżatt! Dawn il-leġġendi jagħmlu parti minn dik li tissejjaħ "id-devozzjoni popolari" li, fi kliem Papa Francesco, "ha in sé una forza evangelizzatrice in cui opera lo Sprito Santo." (*Evangelii gaudium*, 24/11/2013)

Issa mill-għolja taċ-Ċittadella filqalba ta' Għawdex immorru sar-raħal tal-Qala, fejn insibu waħda mill-eqdem knejjes ta' Għawdex: is-santwarju tal-Kunċizzjoni. Oriġinarjament, din il-knisja kienet, *bħal Katidral ta' Għawdex*, iddedikata lil Santa Marija. Fil-fatt *fl-imgħoddi din il-knisja kienet* magħrufa bħala "Santa Marija tal-Qala". Kien l-Isqof Baldassare Cagliares, li ommu Ursula Falzon kienet mill-Parroċċa tal-Matriċi ta' Għawdex (illum il-Katidral), li fil-21 ta' Novembru 1615, waqt il-viżta pastorali tiegħu, irregala l-kwadru sabiħ tal-Kunċizzjoni li hemm illum fuq l-artal maġġur tagħha, xogħol attribwit lill-artist Taljan minn Siena Francesco Vanni. Imma qabel dan il-kwadru, kien hemm ieħor, ta' Santa Marija, li għadu meqjum b'għozza sal-lum mhux iktar fis-santwarju tal-Kunċizzjoni imma fil-knisja parrokkjali "l-ġdida" ddedikata wkoll lill-Kunċizzjoni u lil San Ġużepp.

Intant, il-bidu tas-santwarju hu mitluf fiż-żmien u miegħu hemm marbuta leġġenda li tixbah ħafna lil dik li semmejna marbuta mal-Katidral ta' Għawdex. Jingħad li meta n-nies tal-Qala ġew biex jibnu s-santwaju, huma għażlu roqgħa art imsejħa Tas-Salib. Malajr ħadu l-ġebel tal-bini hemm u lestew kollox biex jibdew ix-xogħol malajr kemm jista' jkun. Imma meta marru l-għada biex jibdew ix-xogħol, sabu li xi ħadd kien ġarr il-ġebel minn hemm għal zona oħra fl-istess raħal imsejħa 'Tal-Ħalq'. Il-Qalin dehrilhom li din kienet biċċa xogħol ta' xi brikkun u ħadu mill-ġdid il-ġebel lejn Tas-Salib. Imma l-jum ta' wara reġgħu sabu l-materjal tal-bini fl-inħawi Tal-Ħalq. Għalhekk għamlu l-għassa mal-lejl u, anke hawn, lemħu Sinjura sabiħa riesqa lejn il-ġebel li, għas-sinjal tagħha, beda miexi warajha. Is-Sinjura mexxiet il-ġebel lejn Tal-Ħalq u mbagħad għabet. In-nies tal-Qala ntebħu li dik is-Sinjura kienet il-Madonna li riedet li l-knisja tagħha tinbena f'Tal-Ħalq, kif fil-fatt sar.

Leġġenda oħra marbuta ma' dan is-santwarju tirrakonta kif darba kien hemm wieħed bajjad li tqabbad mir-rettur tal-knisja biex jagħmel xi xogħol fiha. Waqt li kien qiegħed jaħdem, il-bajjad ħass li m'hemm xejn ħażin jekk ipejjep sigarett, avolja kien fi knisja. Imma ma kellux sulfarina. Għalhekk, kif ma kien hemm ħadd fil-knisja, ressaq is-sellum lejn il-lampier mixgħul quddiem ix-xbiha tal-Madonna u pprova jqabbad is-sigarett mil-lumina tixgħel biż-żejt li kien hemm fih. Imma kif ipprova jerġa' jqum bis-sigarett mixgħul f'idu, in-nar baqa' miexi miegħu. Il-bajjad twerwer kif sab ruħu mdawwar bin-nar u ħrielha jiġri 'l barra mill-knisja. Imma n-nar baqa' jiġri warajh u mexxielu *jeħles minnu meta kien tbiegħed* mhux ħażin mis-santwarju. *Minkejja li ma nħaraqax, il-bajjad*



Il-Kwadru antik u devot ta' Santa Marija, magħruf bħala "tal-Kunċizzjoni", meqjum fil-Knisja Matriċi u Arċipretali taż-Żebbuġ, Għawdex. Ritratt tal-fotografu minn Għawdex Carmel Saliba.

*mill-ewwel intebaħ li meta xegħel* is-sigarett mil-lampa tal-Madonna kien qed juri nuqqas kbir ta' rispett lejn ix-xbiha u l-knisja tagħha. Skont din il-leġġenda, wara ftit xhur, dak ir-raġel tbiegħed minn Għawdex u emigra lejn l-Awstralja.

**Hemm xi leġġenda marbuta mas-santwarju nazzjonali Ta' Pinu?**

Qabel seħħ il-miraklu tas-Sejħa tal-Madonna lit-twajba Karmni Grima fit-22 ta' Gunju 1883, il-Knisja Ta' Pinu, sfat kemm-il darba fi stat ħażin u anke ipprofonata mill-isqfijiet waqt il-viżti pastorali tagħhom. Imma dejjem kien jinqala' xi benefattur li kien jagħmel tajjeb. U b'hekk il-knisja kienet tinfetaħ mill-ġdid. Imma darba, il-knisja kienet kważi nofsa mġarrfa u n-nies tal-inħawi, *minħabba l-faqar li kienu jgħixu fih, dehrilhom li ma kienx iktar il*-każ li jibqgħu jirranġaw fiha. Għalhekk qatgħuha li jwaqqgħuha. Imma kif il-ħaddiem li tqabbad biex iħottha ta l-ewwel daqqa bil-baqqun, spiċċa biex kiser idu u għamel żmien twil ma jistax imiss l-għodda b'idejh. Il-poplu mill-ewwel fehem li dak kien sinjal missema: il-Madonna ma riditx li dik il-knisja tagħha tiġi meqruda. Għalhekk reġgħu rranġawha mill-aħjar li setgħu u l-knisja baqgħet miftuħa. L-Għawdxin kienu jgħidulek, "Il-Madonna minn dejjem ħabbitha 'l dik il-knisja... kienet Hi li żammitha miftuħa biex snin wara ssejjaħ minn hemm lill-Karmni Grima u timla lil Għawdex u lil Malta bil-grazzji tagħha!"

U la qegħdin f'din il-parti ta' Għawdex, insemmi l-kwadru sabiħ *u antik tal-Madonna li hemm fil*-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. *Il-poplu jsejjaħ lil dan il-kwadru* bħala 'tal-Kunċizzjoni', imma filfatt dan il-kwadru huwa ta' Santa Marija. Dan kien il-kwadru titulari ta' dik li llum hija l-knisja parrokkjali tar-raħal. Meta sar il-kwadru titulari artistiku li hemm illum, li juri t-Tlugħ fis-Sema u l-Inkurunazzjoni tal-Madonna mis-Santissima Trinità, il-kwadru l-qadim tqiegħed fil-kappella tal-ġenb. Il-poplu taż-Żebbuġ imma baqa' dejjem miġbud lejn dan il-kwadru għax dejjem qiesu bħala wieħed mirakoluż. Fil-fatt, il-poplu kien isejjaħlu 'tal-Madonna tal-*Virtut*', *jiġifieri 'tal-mirakli'*. Il-leġġenda li hemm marbuta ma' dan il-kwadru teħodna lura fiż-żmien ta' meta Għawdex kien ta' sikwit jiġi attakkat mit-Torok u l-furbani. Jingħad li meta dawn kienu jippruvaw jitilgħu ż-Żebbuġ biex jisirqu u jħarbtu l-irziezet u jieħdu n-nies *ilsiera, iż-Żebbuġin kienu jaraw* lill-Madonna, kif tidher f'dak il-kwadru, tħaġġar lill-għedewwa bil-ġebel. Tant hu hekk li qalb il-furbani u t-Torok kienet ġriet il-kelma li aħjar ma jersqux lejn ir-raħal taż-Żebbuġ. *U dak ir-raħal baqa'* dejjem bla mittiefes mill-qilla *tagħhom*.



**Xi awturi sejħu lil Għawdex bħala 'l-Gżira tal-Madonna' għaliex hija mfawra bi knejjes u niċeċ dedikati lilha.**

**Xi tgħid dwar in-niċeċ lill-Madonna mxerrda ma' Għawdex?**

Anke ma' xi wħud minn dawn hemm marbuta leġġendi. Insemmi l-leġġenda mabuta man-niċċa tal-Madonna int u dieħel l-Għarb, fl-inħawi 'tal-Fgura', li ħadu isimhom *minn din in-niċċa. Dan għaliex* l-isem 'Fgura' jista' jkun li ġej minn 'figura', mela 'xbieha'. Jekk hu hekk, din in-niċċa hija waħda qadima ferm. Jingħad li oriġinarjament f'din in-niċċa kien hemm kwadru *tal-Kunċizzjoni. Biż-żmien dan* spiċċa u għalhekk saret l-istatwa tal-ġebel li naraw illum, xogħol sabiħ ta' Wistin Camilleri. Jingħad li qabel inbniet in-niċċa, ir-residenti ta' dawk l-inħawi kienu ta' sikwit jisimgħu ħsejjes tal-biża' speċjalment bil-lejl. Fl-antik, ma kienx hemm dawl fit-toroq u kienu nħawi fil-kampanja, diżabitati għajr għal ftit irziezet. Il-ħsejjes tant kienu tal-biża' li ħadd mir-residenti ma kien jissogra joħroġ minn daru wara nżul ix-xemx. In-nies tal-Għarb anqas kienu jissugraw jersqu 'l hemm. Biex jeħilsu minn dan l-għawġ, ir-residenti talbu lill-Madonna u ddeċidew li jibnu niċċa ddedikata lilha biex tħarishom. U fil-fatt, kif qiegħdu x-xbiha tal-Madonna f'din in-niċċa, il-ħsejjes tal-biża' nqatgħu għalkollox u n-*nies tal-inħawi reġgħu bdew jgħixu* l-ħajja b'mod normali bħal qabel. *Skont il-Kan Salv Camilleri, li kien* ġabar tant informazzjoni dwar ir-raħal u l-parroċċa tal-Għarb, din in-niċċa twaqqfet fl-1592, wara li spiċċat l-imxija tal-marda tal-kolera.

In-niċċa li naraw illum mhix dik l-antika msemmija fil-leġġendagħax inħattet meta twessgħet it-triq fl-1976 u reġgħet inbniet kif narawha llum.

Niċċa oħra b'leġġenda marbuta

għal paġna 24

# Leġġendi f'Għawdex marbuta mal-Madonna

minn paġna 23

magħha hija dik tal-Portu Salvu fin-Nadur. Jingħad li kien hemm wieħed kaptan minn dak ir-raħal, magħruf bħala 'iċ-Ċimċem'. Darba, waqt wieħed mill-vjaġġi bl-iskuna tiegħu, inqabad f'maltempata qawwija fil-fliegu ta' bejn Malta u Sqallija. L-iskuna sfat mgħarrqa u ċ-Ċimċem u l-baħrin sħabu sabu ruħhom fil-baħar qawwi. Kif kienu f'dik is-sitwazzjoni tal-biża', dawn għamlu wiegħda li jekk isalvaw jibnu niċċa lill-Madonna taħt it-titlu tal-Portu Salvu. Wara ftit sigħat ta' qtigħ il-qalb, iċ-Ċimċem u sħabu nġabru minn vapurett Taljan li ħadhom miegħu lejn Sqallija u b'hekk salvaw mill-għarqa. Kif irritornaw lejn Għawdex, iċ-Ċimċem u sħabu komplew il-wegħda u bnew niċċa sabiħa f'raħal twelidhom, in-Nadur, li għadha hemm sal-lum.Fl-antik is-sajjieda li kienu jsorġu f'Daħlet Qorrot, limiti tan-Nadur, kellhom devozzjoni kbira lejn din in-niċċa.

Dawn il-leġġendi li semmejt huma ftit minn tant oħrajn li għandna f'Għawdex marbuta mal-Madonna u l-imħabba li l-Għawdxin dejjem kellhom lejha.

Intemm b'leġġenda ħelwa imma ftit magħrufa, imsejħa 'tal-Madonna taż-Żirżieb' – l-isem ta' daħla fil-blat fl-inħawi ta' Ras Maħrax, bejn ix-Xlendi u Kap Bumbarda. Is-sajjieda u d-dilettanti tas-sajd jafuhom sewwa dawn l-inħawi u jafu wkoll li l-baħar hemm huwa fond u perikoluż. Fl-antik, xi sajjieda Għawdxin, b'sogru kbir għall-ħajjithom, kienu jixxabtu ma' dak is-sies għoli u jinżlu fuq din ix-xoffa blat biex jistadu minn hemm, l-iktar meta ma kienx ikun possibbli li joħorġu bid-dgħajsa. Darba kien hemm wieħed sajjied jismu Indrì. Dan niżel fuq din ix-xoffa blat biex jistad. Imma kif kien mehdi jistad, ġiet mewġa kbira u qawwija li ħaditu magħha. Kif l-imsejken Indrì sab ruħu jitqabad mal-mewġ qalil, ipprova kemm-il darba jagħti s-salt biex jerġa' jitla l-art. Waqt li kien bejn ħajja u mewt, Indrì lemaħ Sinjura bajda li b'subagħha bdiet turih lejn fejn kellu jgħum biex isalva. Indrì ħares lejn fejn dik is-Sinjura kienet qed turih u mill-ewwel intebaħ li x-xlief li kien qed jistad bih kien għadu mwaħħal mal-blat. Indrì għam lejh, qabad miegħu u bil-mod il-mod irnexxielu jixxabbat mal-blat. Indrì dar biex jiżżi ħajr lil dik is-Sinjura talli kienet ħelsitu minn mewt żgura. Imma dik is-Sinjura kienet għabet. Indrì, kif kien isostni kull darba li kien jirrakkonta din l-istorja, mill-ewwel intebaħ li dik is-Sinjura ma kienet ħadd għajr il-Madonna. U sal-lum is-sajjieda għadhom isejħu dik ix-xoffa blat 'iż-Żirżieb tal-Madonna'.